# Il-Fasla tas-Siġġiewi

Minn Jesmond Grech

Fit-tifsila tiegħu, Is-Siġġiewi jixbah ħafna lil bosta rħula qodma Maltin, bil-knisja parrokkjali dominanti fiċ-ċentru (simbolu ta' l-influwenza eKkleżjastika fil-ħajja maltija), imdawra minn numru ta' toroq dojoq u sqaqien li joħorġu minnhom qishom vini ta' werqa, zuntier imdaqqas u pjazza kemxejn kbira.

Biż-żmien dan l-istil topografiku tbiddel: l-irħula kibru, żdiedu t-toroq wesgħin, inbnew djar oħra moderni u oqsma tal-bini governattivi x'aktarx fi truħhom. tassew li, bil-mod il-mod Malta għad issir raħal wieħed kbir! Illum fis-Siġġiewi hawn madwar 67 triq ewlenija barra minn bosta sqaqien.(1) Iżda liema toroq huma l-iżjed qodma u b'liema mod Is-Siġġiewi ssawwar biex ħa l-għamla li għandu llum?

## L-iStatus Animarum 1679

Il-mistoqsija hija diffiċli għaliex ftit huma d-dokumenti ta' żmien l-Ordni li jixħtu dawl topografiku li jispeċifika jew jelenka l-ismijiet tat-toroq. Fit-testmenti jew suppliki għall-Gran Mastru jew l-Isqof kien biżżejjed li jissemma r-raħal ta' l-oratur u ma kienx hemm għalfejn titniżżel it-triq fejn kien joqgħod. Huwa għalhekk rari u Importanti l-iStatus Animarum magħmul fit-22 ta' Mejju 1679 mill-kappillan Dun Domenico Farrugia (2). F'dik is-sena fis-Siġġiewi kien hawn 1256 ruħ, f'Ħal xluq 251 u f'Ħal Kbir 64 b'total ta' 1571 ruħ. dawn kienu joqogħdu fi 370dar imqassma f' dawn it-toroq:

**in via Par.(rochiali) Ecc(lesia), via oppos(it)u Ircaiet, via Maiori, via Sancti Marci, via d(et)ta Haramia, via Collaterali con Sta Margarita, via Sti leonardi, via collaterali Sti. Jois (Giovanni), via Sta. Maria ta Jenni, via Scti jacobi, in Platea, via casalis Xiluc, via casalis Chibir, via collaterali Platea, via Sti Justia, via Ircaiet, via Collaterali via Maioris, via St, Nicolai, via Parrochialis, via s. Maria, via Tabria, via St, Nicolai ta' Zenca.**

F'kalkolazzjoni li għamel Stanley Fiorini nafu li minn 383 familja fir-raħal, 282 kienu joqogħdu f'darhom stess *in aedibus propriji habitant* filwaqt li 99 kienu jgħixu f'dar mikrija *in aedibus conductis*. B'hekk, b'dan id-dokument, mhux biss nafu l-kompożizzjoni topografika tar-raħal iżda nafu wkoll li lejn tmiem is-seklu 17, is-Siġġiwin kienu sinjuri biżżejjed biex jixtru darhom stess. Sfortunatament l-iStatus Animarum ta' snin oħra ma jsegwux l-istess metodu tal-kappillan Farrugia u b'hekk ma nafux kif żviluppaw it-toroq.

## Iċ-Ċensiment ta' l-1861

Ir-raħal beda jieħu l-forma kif nafuh illum għal nofs is-seklu 19 kif nafu miċ-ċensiment magħmul fil-31 t'Ottubru 1861 (4). F'dik is-sena fir-raħal kien hawn 1234 raġel u 1407 mara b'total ta' 2641. Is-696 familja Siġġiwija kienu joqoghdu fil-lista ta' toroq imsemmija fl-istess dokument:

**Strada san Giovanni and vicoli, di Mezzo and Vicoli, Ramia 1ma, Ramia 2da, Parrochiale and vicoli, Parrocco and Vicoli, dietro la chiesa, Stretta, Fauara and vicolo, Curta and Vicolo, fulia, Outskirts/ricetti, Piazza san Nicola, Nuova, Molino and vicoli, Margherita and vicoli, Reale and Vicoli, chiesa vecchia and Vicoli.**

Dan iċ-ċensiment jaghtina bosta tagħrif interessanti ieħor fosthom iċ-ċifri tn-nies li kienu jafu jitkellmu u jaqraw bl-Ingliż u t-Taljan. Din l-informazzjoni kienet importanti ħafna għall-awtoritajiet ta' dawk iż-żminijiet fid-dawl tal-ġlieda jew pika kulturali li kellhom dawn iż-żewġ lingwi fil-pajjiż.

## Is-Siġġiewi Llum

Skond l-aħħar *demographic review* ippubblikat mit-Taqsima ta' l-Istatistika, fis-Siġġiewi tal-lum jgħixu madwar 6212 ruħ. Dawn joqogħdu f'toroq li jien qassamt f'sitt kategoriji(6):

### Personaġġi:

Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Nicolo' Baldacchino, Salvu Borg Olivier, Salvu curso, Patri Ġużeppi Delia, Angelo

Dorini, Pietru Felici, Lorenzo Gafa', Ferdinando Hompesch, Kircher, Giacomo Leopardi, Pawlu VI, Nicolo Saura, Profs Nerik Vassallo, Karmenu Vassallo, Dun Manwel Zammit u t-Tabib Nikola Zammit.

## Qaddisin:

San Ġakbu, San Ġwann, San Nikola, Santa Margerita.

## Oqsma u direzzjonijiet:

Triq Blat il-Qamar, Ta' Brandin, TA' Brija, Ta' Bur il-Kbir, il-Fawwara, Ta' l-Għolja, il-Girgenti, Ħal Niklusi, Ħal Xluq, Ta' Ħaramija, Ta'Kilpa, Kirċippu, Lapsi, l-Imdina, l-Imqabba, Tal-Providenza, Il-Qrendi, Ramija, Wied Ħesri, Wied Xkora, Triq id-Demnuq, l-Iskola, il-Knisja l-Qadima.

## Agrikoltura:

L-andar, id-Difa, l-Imwieġel, il-Ħsad, il-Mitħna, in-Newba, il-Qiegħa, ir-Rebbiegha, is-Swieqi, it-Tank, iż-Żabbarija.

## Sqaqien:

Sqaq ta' Brija 1/2, Bur il-Kbir, Kbira, Tad-Debbiet, ta'Ħaramija, Mitħna 1/2, Tan-Nofs, 1?4, Parroċċa 1/3, il-Qajjied, il-Qasir, San Ġakbu 1/6, San Ġwann 1/3, San Nikola 1/3, Santa Margarita 1/2, il-Knisja l-Qadima.

## Oħrajn:

Il-Bandla, Bari, Id-Dejqa, Il-Ġdida, l-Għid, Il-Muża, In-Nirien, Tan-Nofs, Il-Qasira.

Huwa ttamat li dan l-artiklu jitkompla tul edizzjonijiet oħra li ġejjin biex jingħata tgħrif fuq il-personaġġi storiċi li ħallew isimhom fuq il-mappa tar-raħal.

Riferenzi


(1) *Direttorju tal-Kodiċi Postali* u *MAZE*

(2) Arkivji Arċiveskovili ta' Malta, St. an. 1, fuq mikrofilm.

(3) Fiorini, S., *Status Animarum II: a Census of 1687 f'Proceedings of History Week, 1984*, 1986, p.53

(4) Giglio,A., *Census of the Islands of Malta, Gozo and Comino taken on the 31st October 1861*, 1863.

(5) ibid., p. 22

(6) Attard, F., *The Maze: Guide to the Streets of Malta and Gozo*, 1992 ed., p.214





JoeRo Ltd.

Ready Mix Concrete Manufacturers

**JOSEPH VASSALLO**

New street off Mdina Road
Żebbuġ - Malta
(Limits of Tal-Ħlas)

Tel: 46 51 34, 46 56 37
Fax: (+ 356) 46 55 16
Mobile: 099 3026